MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2008

Numru. 239/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Evangelist sive Evan Gatt**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Evangelist sive Evan Gatt ta’ 35 sena, bin Henry u Pauline nee’ Agius, imwieled il-Pieta’ fis-7 t’ Ottubru, 1970 residenti fil-fond imsejjah: ‘Derden’, Triq Guzeppi Agius, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita’ numru 93571 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Filwaqt li kien hdejn ir-residenza tieghu, imsejjha : ‘ Derden’, li tinsab fi Triq Guzeppi Agius, Rahal Gdid, nhar it-12 ta’ Frar, 2006, ghall-habta tat-8 :00 ta’ filghodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta’ Stephen Vincent Borg minn Wied il-Ghajn, f’ periklu car, ikkagunalu, feriti ta’ natura gravi, kif iccertifikat minn Dr. Daryl Xuereb M.D. (Warrant Mediku Nru. 9883) tac-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u d-dentista Dr. S. Depasquale B.Ch.D, liema feriti igibulu mankament jew sfreggju fil-halq bi ksur ta’ l-Artikoli 216 (1) (a) u (1) (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dana bi ksur tal-Artikolu. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ April 2006 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2006 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ bejn l-imputat u certu Stephen Borg fit-12 ta’ Far 2006 ghall-habta tat-8.00am quddiem ir-residenza tal-imputat fi Triq Guzeppi Agius, Rahal il-Gdid fejn l-imputat allegatament ikkaguna griehi ta’ natura gravi f’wicc u f’halq l-imsemmi Stephen Borg. Mill-provi rrizulta li l-imputat u dan Stephen Borg kienu

ilhom jafu lil xulxin ghal madwar sena u li kellhom relazzjoni li l-imputat ghazel li jittermina. Mill-istqarrija tal-imputat (inserita a fol. 15 u 16 tal-process) jirrizulta li Stephen Borg ma riedx jaccetta dan il-fatt u kien qed icempel lill-imputat il-hin kollu, jibghatlu l-messaggi u jmur fuq il-post tax-xoghol tieghu. Dakinhar tal-incident li jifforma l-mertu ta' din il-kawza dan Stephen Borg mar ihabbat il-bieb tar-residenza tal-imputat u l-imputat jammetti li huwa kien iddejjaq b'din is-sitwazzjoni li kienet ghaddejja ghal xi gimghatejn u ghalhekk hareg ghal Borg hebb ghalih, tah daqqiet ta' sieq u ta' ponn u kkagunalu griehi billi qasamlu xoftu u tajjarlu n-nuccali.

Il-vittma Stephen Borg xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2006 fejn qal li hu u l-imputat kienu rrisolvew il-pendenzi ta' bejniethom u huwa kien hafer lil-imputat ghal dak li gara. Qal ukoll li bhala konsegwenza tal-incident kellu xi griehi f'wiccu u fi snienu izda qal li l-griehi ma kienu xejn specjali u kien ghaddielu kollox. Huwa kkonferma wkoll li snienu kienu mhassrin qabel l-incident.

F'dawn il-proceduri gew esebiti zewg certifikati medici rigwardanti l-griehi sofferti minn Stephen Borg, wiehed rilaxxjat minn Dr. Daryl Xuereb esebit a folio 13 tal-process fejn gie certifikat li Stephen Borg kellu griehi ta' natura gravi u li l-griehi kienu s-segwenti :-

1. Small abrasion just below right eye and another one below right eye angle.
2. Front incisor tooth broken and lower right premolar tooth broken.
3. Numerous abrasions in inner lining of upper lip and swollen lips.
4. Swollen left leg and contusion.
5. Otherwise NAD.

Gie prezentat certifikat mediku iehor rilaxxjat mid-dentista Sandra Depasquale (esebit a fol. 14 tal-process rigwardanti il-griehi li l-imputat kellu fi snienu.

Filwaqt li Dr. Daryl Xuereb xehed f’dawn il-proceduri fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2006 fejn ikkonferma ic-certifikat mediku minnu rilaxxjat izda qal li l-griehi li kellu Stephen Borg ma setghux kellhom kumplikazzjonijiet, Dr. Sandra Depasquale ma xehditx f’dawn il-proceduri stante li rrizulta li hija ma kienitx ghadha mpjegata mad-Dipartiment tas-Sanita’ u minflokha xehed Dr. Alex Azzopardi (seduta tas-26 ta’ Lulju 2007) fejn dan qal li mic-certifkat mediku rilaxxjat minn Dr. Sandra Depasquale kien jirrizulta li Stephen Borg kellu ksur zghir fil-qoxra ta’ barra tas-sinna u li huwa kellu snienu mhassrin, liema hsara kienet ilha qed tigi kagunata.

Il-Qorti jidrilha li minn ezami tax-xhieda kemm tal-vittma Stephen Borg, kif ukoll dik ta’ Dr. Daryl Xuereb u Dr. Alex Azzopardi jirrizulta dubju serju dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Stephen Borg, liema dubju ovvjament ghandu jimmilita favur l-imputat. Il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-grieihi sofferti minn Stephen Borg kienu ta’ natura gravi izda biss li dawn kienu ta’ natura hafifa. Kif intqal aktar ‘il fuq fil-fatt Dr. Daryl Xuereb qal li l-griehi ma kellhomx kumplikazzjonijiet, Dr. Alex Azzopardi qal li kien hemm ksur zghir fil-qoxra tas-sinna u li l-hsara fis-snien ma gietx kagunata bl-incident mertu tal-kawza u inoltre l-vittma nnifsu kkonferma li l-griehi li kellu ma kienu xejn specjali u malajr ghaddielu kollox.

Kif diga’ ntqal aktar ‘il fuq l-imputat ammetta fl-istqarrija minnu rilaxxjata li huwa kien ikkaguna griehi lil Stephen Borg fl-incident li nqala’ fit-12 ta’ Frar 2006 u ghalhekk huwa qed jinstab hati biss li kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Stephen Borg. Huwa ammetta wkoll illi kien inqala’ l-incident barra r-residenza tieghu, u cioe’ fit-triq fejn hebb ghal Stephen Borg u ghalhekk anki t-tieni akkuza, u cioe’ dik ta’ ksur ta’ paci pubblika tirrizulta pruvata.

Irid jigi rilevat li ghalkemm Stephen Borg iddikjara li huwa kien hafer lill-imputat ghal dak li kien gara, huwa ma rrinnunzjax formalment ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat, ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kif ukoll il-fatt li l-vittma kien hafer lill-imputat ghal dak kollu li kien gara ghalkemm ma rrinunzjax formalment ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 221 u 338(dd) l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu salv li kif spjegat aktar 'il fuq, in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza huwa qed jinstab hati biss li kkaguna griehi ta' natura hafifa, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------